

REGOLAMEN TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1398/2013

tat-18 ta' Diċembru 2013

li jopera tnaqqis mill-isforz tas-sajd allokati għar-Renju Unit fl-2013 għall-arzell u għall-granċ u l-għaġuża minħabba l-użu żejjed fis-sena preċedenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontrolli għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 106(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Renju Unit, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004 tad-19 ta' Lulju 2004 li jstabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal ċertu żoni tas-sajd u sajd ⁽²⁾, ġie allokati sforz massimu annwali tas-sajd għall-arzell fiż-żona VII tal-ICES u għall-granċ u l-għaġuża fiż-żona VII tal-ICES.
- (2) Għall-2012, l-isforz annwali tas-sajd għall-arzell żdied minn 3 315 619 kW jiem għal 3 550 619 kW jiem wara xi skambji li saru bejn ir-Renju Unit mal-Irlanda u l-Pajjiżi l-Baxxi, skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽³⁾.
- (3) B'riżultat tal-ispezzjonijiet li saru fir-Renju Unit skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u indagazzjonijiet ulterjuri mal-awtoritajiet tar-Renju Unit, il-Kummissjoni

sabet xi inkonsistenzi bejn id-dejta rrapportata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament u l-isforz attwalment varat fl-2012 għall-arzell u l-granċ u l-għaġuża fiż-żona VII tal-ICES minn bastimenti tas-sajd li jtarju l-bandiera tar-Renju Unit. Dawn id-diskrepanzi juru li l-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit varaw livell ta' sforz oġhla minn dak disponibbli għal din il-flotta fl-2012 kif jistipula r-Regolament (KE) Nru 1415/2004 u adattat skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002. L-evidenza miġbura u l-indagazzjonijiet matul l-investigazzjoni jippermettu lill-Kummissjoni tistabbilixxi li dan l-Istat Membru qabeż l-isforz massimu tas-sajd tiegħu għall-2012 għall-arzell b'451 641 kW jiem u għall-granċ u l-għaġuża b'38 462 kW jiem.

- (4) Skont l-Artikolu 106(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż l-isforz tas-sajd li ġie allokati lillu, il-Kummissjoni għandha topera tnaqqis mill-allokkazzjonijiet tal-isforz tas-sajd futur lil dak l-Istat Membru.
- (5) L-Artikolu 106(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jistipula li t-tnaqqis mill-isforz tas-sajd għandu jiġi operat fis-sena jew fis-snin sussegwenti billi jiġu applikati ċerti fatturi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dak il-paragrafu.
- (6) Għalhekk jixraq li t-tnaqqis jiġi operat mill-isforz tas-sajd allokati għar-Renju Unit għall-arzell u l-granċ u l-għaġuża fiż-żona VII tal-ICES fis-sena 2013,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isforz massimu annwali tas-sajd iffissat fir-Regolament (KE) Nru 1415/2004 għall-arzell u għall-granċ u l-għaġuża fiż-żona VII tal-ICES qed jitnaqqas fl-2013 għar-Renju Unit kif hemm stipulat fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 258, 5.8.2004, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Speċi	Sforz massimu inizjali tas-sajd fl-2012 ⁽¹⁾	Sforz massimu adattat tas-sajd fl-2012	Sforz utilizzat stabbilit tas-sajd fl-2012	Differenza bejn l-isforz massimu-sforz utilizzat (eċċess)	Fattur ta' multiplikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009	Tnaqqis għall-2013
Arzell fiż-żona VII tal-ICES	3 315 619	3 550 619	4 002 260	451 641 (12,7 % tal-isforz massimu tal-2012)	541 969 (eċċess * 1,2)	541 969
Granċ u għaġuża fiż-żona VII tal-ICES	543 366	543 366	581 828	38 462 (7 % tal-isforz massimu tal-2012)	42 308 (eċċess * 1,1)	42 308

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004 (ĠU L 258, 5.8.2004, p. 1).